# PRIM’ AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAS-7 TA’ LULJU 2022**

**Kawża Numru: 19**

**Rik. Ġur. nru. 476/2022**

**Ballut Blocks Services Limited (C-8360)**

**Vs**

**Grima Concrete Suppliers Limited (C-71933)**

## Il-Qorti:

Rat ir-**rikors ġuramentat tas-soċjeta’ attriċi Ballut Blocks Services Limited ippreżentat fit-3 ta’ Ġunju 2022** li permezz tiegħu wara li ppremettiet:

1. Illi s-soċjetà attriċi hija kreditrici tas-soċjeta' konvenuta fl-ammont ta' sebghin elf sitt mija u sebghin ewro u erbgha u disghin centezmu (€70,670.94) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' materjal tal-bini inkluż *bricks* mibjugħ bl-ingrossa u kkonsenjat lis-soċjeta' konvenuta mis-soċjetà attriċi fuq inkarigu tas-soċjeta' konvenuta, u dana kif jirrizulta mill-anness statement (Dok. 'BBS 2') u *Delivery Notes* relattivi hawn annessi (Dok. 'BBS 3')

2. Illi ghalkemm il-soċjeta' konvenuta giet interpellata ripetutament sabiex thallas l-imsemmi ammont, hija baqgħet inadempjenti u ma ħallsitx;

3. Illi dawn il-fatti huma magħrufa personalment, lill-esponenti.

4. Illi s-soċjetà konvenuta m'għandiex eċċezzjonijiet xi tressaq għat-talbiet tas-soċjetà rikorrenti.

5. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawża.

Talbet lill-Qorti,

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ għall-finijiet tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tas-socjeta attrici, fl-ammont ta' sebghin elf sitt mija u sebghin ewro u erbgha u disghin centezmu (€70,670.94) u dana kif jirrizulta mill-anness statement (Dok. 'BBS 2') u *Delivery Notes* relattivi hawn annessi (Dok. 'BBS 3')

3. Konsegwentament, tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' sebghin elf sitt mija u sebghin ewro u erbgha u disghin centezmu (€70,670.94)

Bl-ispejjez, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 27 ta'April 2022 u tas-sekwestru kontestwalment prezentat, oltre l-imgħaxx legali b'effett mid-29 ta' Settembru 2021 kontra s-soċjetà konvenuta li hija minn issa stess inġunta għas-subbizzjoni taghħha.

Rat illi s-soċjeta’ konvenuta debitament notifikata naqset li tidher għas-seduta appuntata għas-smiegħ biex tikkontesta l-kawża u għalhekk baqgħet kontumaċi.

Rat illi fis-seduta tas-6 ta’ Lulju 2022 l-avukat tas-soċjeta’ iddikjara illi fil-mori tal-kawza s-soċjeta’ konvenuta ma effettwat l-ebda pagament.

Eżaminat l-atti tal-kawża.

Billi mill-provi mhux kontradetti it-talbiet attrriċi jirriżultaw ippruvati.

**Decide.**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qegħda, fil-kontumaċja tas-soċjeta’ konvenuta, taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. Tilqa′ l-ewwel talba, tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ għall-finijiet tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta′ Malta;

2. Tilqa′ t-tieni talba, tiddikjara illi s-soċjeta′ konvenuta hija debitriċi tas-socjeta attrici, fl-ammont ta′ sebghin elf, sitt mija u sebghin ewro u erbgha u disghin centezmu (€70,670.94);

3. Tilqa′ t-tielet talba, tikkundanna lis-soċjeta′ konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont imsemmi ta′ sebghin elf, sitt mija u sebghin ewro u erbgha u disghin centezmu (€70,670.94)

Bl-imgħax legali mid-29 ta’ Settembru 2021 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra s-soċjeta’ konvenuta.

**Moqrija**

**Onor. Robert G. Mangion**

**Imħallef**

**Lydia Ellul**

**Deputat Reġistratur**